KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# SITT LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 60

**Il-Ħamis 5 ta' Jannar 2017**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-7:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Daniel John Attard – Sindku
Antoine Vella – Viċi Sindku (wasal fit-7:45pm)
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Anthony Mifsud – Kunsillier
Helen Bugeja – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

Jamie Marie Galea – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Daniel John Attard ippresjeda l-laqgħa.

## 60.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

60.1.1 Ma kienx hemm nies assenti jew skuzati.

## 60.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

60.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

60.2.2 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti. Il-Kunsillier Fenech issekonda. Kien hemm qbil b'mod unanimu fost il-Kunsilliera preżenti u għaldaqstant il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u mis-SE.

60.2.3 Is-SE infurmat li dakinhar filgħodu kien sar ix-xogħol fuq il-bankina li tkissret minn trakk tal-luminata fi Triq l-Imtarfa. Sadanittant kienet reġgħet għamlet kuntatt mal-fornitur dwar il-ħsara li saret u dan infurmaha li għandu bżonn ftit ġranet oħra sabiex jiddiskuti din il-kwistjoni qabel ma jgħaddilha d-deċiżjoni tal-kumpanija.

60.2.4 Is-SE infurmat li kif kien hemm il-kuntrattur preżenti, kienet marret miegħu fi Triq Sir Leslie Rundle dwar il-kwistjoni tal-*culvert* imsemmi f'para. 8.4. Jidher li l-ispralli tal-ġiebja qegħdin 'il bogħod wisq u għaldaqstant l-unika alternattiva kienet l-idea oriġinali li l-ilma jgħaddi minn taħt il-bankina u 'l isfel lejn Triq is-27 ta' April. Hija infurmat li xorta waħda kienet se tiltaqa' mal-perit għaliex il-kuntrattur ma kienx konvint kif tista' tissolva mingħajr ma toħloq problemi lir-residenti tal-binja.

60.2.5 Is-SE infurmat li dwar para. 8.5 kienet intbagħatet talba lil TM għall-approvazzjoni tal-marki tat-triq.

60.2.6 Għall-mistoqsija dwar it-traqqigħ, is-SE infurmat li l-kuntrattur kien infurmaha li huwa jkun jista' jġib materjal f'ammonti ikbar milli għandu bzonn il-Kunsill għaz-zewġ *patches* li jixtieq jirranġa. Is-SE kienet se tikkonferma dan mal-Periti.

60.2.7 Il-Kunsillier Mifsud reġa' fakkar lis-SE sabiex tivverifika jekk hemmx bizzejjed biċċiet biex tiġi ffurmata u mwaħħla *sleeping policeman* waħda fi Triq Theuma Castelletti.

60.2.8 Għall-mistoqsija tas-Sindku dwar fiex waslet l-applikazzjoni għall-*one way* fi Triq l-Anzjani, is-SE infurmat li kienet se tfakkar lill-Viċi Sindku dwar is-survey tal-vetturi (*traffic count*) li kellu jagħmel.

## 60.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

60.3.1 Is-Sindku informa li ma kellux x'jirrapporta.

## 60.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

60.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet oħra.

## 60.5 Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv 2016

60.5.1 Is-SE preżentat kopja tar-rapport amministrattiv li kien diġà ġie ċċirkolat minn qabel. Il-Kunsill approva r-rapport amministrattiv b'mod unanimu. Dan se jinqara waqt il-laqgħa tal-lokalità li kienet se tinzamm aktar tard.

## 60.6 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart (Ottubru – Diċembru 2016)

60.6.1 Is-SE u l-accountant infumaw li kien għad fadal xi kontijiet tas-sena 2016 x'jitwasslu lill-Kunsill u għaldaqstant is-sena finanzjarja ma setgħetx tingħalaq għalissa. Se jiġi preżentat ir-rapport finanzjarju waqt il-laqgħa li jmiss.

## 60.7 Approvazzjoni tal-*Performance Bonus* tas-SE u l-Uffiċjal Eżekuttiv

60.7.1 Ġew preżentati l-*appraisals* tas-SE kif ukoll tal-Uffiċjal Eżekuttiv.

60.7.2 Kien hemm qbil unanimu li s-SE tingħata *performance bonus* sħiħ, jiġifieri dak ta' 10%.

60.7.3 Kien hemm qbil unanimu li l-Uffiċjal Eżekuttiv tingħata *performance bonus* sħiħ, jiġifieri dak ta' 6%.

## 60.8 Il-baġit tal-Kunsill għas-sena 2017

60.8.1 Is-Sindku talab lill-*accountant* tal-Kunsill sabiex tagħti spjega in ġenerali ta' kif qed jiġi propost li jitqassam il-baġit għas-sena 2017.

60.8.2 Ma kienx hemm oġġezzjonijiet fil-prinċipju għall-proposta preżentata u għaldaqstant dan se jiġi diskuss waqt il-laqgħa tal-Lokalità li se tinżamm eżatt wara l-laqgħa tal-Kunsill.

60.8.3 Il-baġit f'aktar dettall se jitqassam lill-Kunsilliera sabiex jiġi diskuss u approvat waqt il-laqgħa li jmiss.

## 60.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

60.9.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti, kopji tagħha mehmuża. Il-lista tal-pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-SE.

60.9.2 Hawnhekk il-Kunsillier Mifsud ġibed l-attenzjoni tas-SE sabiex tikkonferma li fuq il-minuti preċedenti hemm imnizzel li l-Kunsill kien qed jaċċetta li jħallas is-somma ta' €750 fir-rigward tal-offerta tal-i*street lighting* li se joħroġ min-naħa tar-Reġjun Tramuntana.

## 60.10 Mozzjonijiet

60.10.1 Is-SE infurmat li ma kienx hemm mozzjonijiet.

60.10.2 Hawnhekk wasal il-Viċi Sindku. Il-ħin kien is-7:25pm.

## 60.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

60.11.1 Hawnhekk qamet diskussjoni dwar id-data għal-laqgħa li jmiss. Dan minħabba li s-Sindku kien se jkun imsiefer u kien għamel l-arranġamenti sabiex ikun prezenti nhar l-Erbgħa 8 ta' Frar filwaqt li l-Kunsillier Mifsud informa li kien għadu kif ġie infurmat li kellu jattendi għal laqgħa barra minn Malta bħala parti mix-xogħol tiegħu fuq l-Ezekuttiv matul dawk il-ġranet. Hawnhekk il-Kunsillier Mifsud informa li huwa kien se jikteb b'mod uffiċjali lid-Direttur dwar din il-kwisjtoni għaliex mhux ġust li titnaqqaslu l-*allowance* meta hu ma kellux alternattiva oħra ħlief li jattendi għal-laqgħa Plenarja.

60.11.2 Hawnhekk tqajjem il-fatt li issa s-SE kienet obbligata li taqta' l-flus mill-*allowance* tal-Kunsilliera skont in-nuqqas ta' attendenza għal-laqgħat. Min-naħa tiegħu, il-Viċi Sindku informa li huwa ma kienx qed jaċċetta ċ-ċekk tiegħu tal-*allowance* fuq prinċipju wara li dan inħareġ bi tnaqqis.

60.11.3 Il-laqgħa intemmet fit-8:00pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 8 ta' Frar 2017 fis-7:30pm.

Konfermati, illum 8 ta' Frar 2017.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Daniel John Attard<br>Sindku | Josette Micallef<br>Segretarju Eżekuttiv |